**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 20 ta' Jannar, 2016

Rikors Guramentat numru : 447/2015 AL

AB

vs

CD

Il-Qorti:

Rat ir-rikorsipprezentat mir-rikorrenti, li *in forza* tieghu, wara li ppremetta:

Illi l-partijiet izzewwgu nhar is-sbatax ta' Ottubru tas-sena elfejn u tlieta (17/10/2003) (Ara Dok 'A' anness) u minn dan iz-zwieg huma kellhom tifla, KB, illi ghadha minorenni;

Illi l-partijiet ilhom legalment separati b'kuntratt redatt minn Nutar Francesca Spiteri Maempel mid-dsatax ta' Mejju tas-sena elfejn u hdax (19/05/2011) (Ara Dok. 'B' anness);

Illi skont l-istess kuntratt tas-separazzjoni personali (Ara Dok. B, Klawsola 4), il-partijiet irrinunzjaw mid-dritt li jircievu manteniment minghand xulxin, u ghalhekk ma hemmx manteniment dovut;

Illi m'hemm l-ebda manteniment jew arretrati dovuti f'dan l-istadju favur il-wild tal-partijiet stante l-fatt illi ai termini tal-istess kuntratt ta' separazzjoni, il-partijiet qablu illi m'humiex ser javvanzaw manteniment lil xulxin ghall-minuri, stante illi obbligaw ruhhom illi jiehdu hsieb il-htigijiet taghha meta hija tkun mal-partijiet rispettivi (Ara Dok. B, Klawsola B(v));

Illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi minbarra li ilhom iktar minn erba` (4) snin mifrudin, illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin;

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghal ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talab li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;

2. Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex, fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat ir-rikors ;

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tas-15 ta' Dicembru, 2015;

Semghet lill-partijiet jixhdu bil-gurament taghhom;

Rat l-Artikolu 66B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrent irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi gie ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mid-19 ta' Mejju 2011u illi  ilhom de facto separati ghal aktar minn erba (4) snin u illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u m'hemmx manteniment dovut ;

Ghaldaqstant, il-Qorti tilqa` t-talbiet u tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez ikunu bla taxxa bejn il-partijiet;